L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

# KIF IT-TOROK TELQU MINN GERUSALEM

*(Dan li ġej huwa xi ħaġa fuq kif kienet it-telqa tat-Torok minn Ġerusalem u d-daħla fiha tal-Ingliżi, f'Diċembru tas-sena 1917. Dil-kitba meħuda mill-Gazzetta: "The Palestine News", ħarġa tas-7 ta' Marzu 1918, jiġifieri tlett xhur wara l-ġrajja. Tidher li kienet miktuba minn xi ħadd li ra b'għajnejh, għax dak iż-żmien kien ġewwa Ġerusalem).*

Fid-9 ta' Novembru 1917, f'Ġerusalem xterdet ix-xnija li l-Ingliżi waslu wara nofs il-linja tal-Ġermaniżi u Torok ta' Għażża u Bir-is-Sebgħa. Ftit wara ntqal ukoll li Tell-ix-Xriegħa u Għażża kienu waqgħu f'idejn l-Ingliżi, u li l-Ġermaniżi u l-Awstrijaki li kien hemm Ġerusalem kienu qegħdin jitħejjew biex jitilqu mill-belt. Din ix-xnija kienet minnha, għax fil-jiem ta' wara is-sewwieqa tal-karozzi Ġermaniżi, u l-fizzjali Torok, li bdew jgħidu s-sewwa daqs kemm kienu ħaduha bi kbira li sfaw megħluba, ġiebu l-aħbär tar-rebħa tal-Ingliżi. F'daqqa l-kbarât Torok bdew jitilqu minn Ġerusalem mal-familji tagħhom. Il-Ġermaniżi bdew ibattlu l-imħażen tagħhom b'kull għaġla, u ħwejjeġ li ma kienux wisq meħtieġa, bħal ħalib u zokkor, bdew ibiegħuhom bi rħîs, qisu b'xejn. Il-għodda tal-gwerra li kellhom bdew jibgħatuha lejn ix-Xmiel jiġifieri lejn Nâblus, jew lejn ix-Xerq, jiġifieri lejn Ġerku. Minn fuq il-bjut il-għolja ta' Ġerusalem, u minn fuq Ġebel iż-Żejtun, wieħed kien jista' jara sħâb ta' trâb itir ma' tul dawk iż-żewġ toroq, billi l-karrijiet u l-karettuni u l-bhejjem kienu telgħin u neżlin dawk iż-żewġt ibliet.

Il-Kmandanti l-kbâr Torok għaġġlu li jmorru Ġerusalem. Enver Bej telaq b'għaġla kbira minn Kostantinopli u wasal Ġerusalem biex ikellem lil Ġenerali Torok megħluba, u kif kellimhom raġa' telaq bil-għaġla u bil-moħbi bħal ma kien ġie. Falkenhayn, ġie mill-belt ta' Haleb, biex jara kif jarġa' jwaqqaf fuq riġlejha t-tajfa l-mirbuħa. Sa dak iż-żmien it-tajfa tal-Ingliżi kienet waslet qrib il-mogħdijiet tal-iġbla tal-Lhudija. Minn Ġerusalem, id-damdim tal-kanuni tagħhom beda jistama' fil-bgħid, meta kienu jitqabdu mat-Torok f'Wâdi Surik. Il-ħsejjes tat-taqbid bdew jistemgħu aktar qawwi ta' kull jum. Fit-18 ta' Novembru Falkenhayn in-nifsu telaq lejn Nâblus. Il-għada l-Patrijarki Nsâra, tal-Latini, tal-Griegi, tal-Armeni u tal-Qopti u kbarât oħra tal-knisja, kienu meħuda lejn Nablus ukoll. Hekk ukoll ittieħdu xi Lhud magħrufa, li kellhom l-isem li kienu Sijonijin.

Imbagħad saret bidla kbira u għal għarrieda fil-fehma tat-Torok. Linnies li kellhom f'idejhom (1) żammewhom fuq Ġebel in-Nebi Samwil, li minnha tidher triq Nâblus, għax ma kellhomx biex iġorruhom, u għamlu f'moħħhom li jżommu jiebes lill-Ingliżi (2).

Sħabhom, jew aħjar, sjiedhom, il-Ġermaniżi u l-Awstrijaki, kienu qalu lit-Torok li kien kollu għal xej li jġarrbu jżommu Ġerusalem, la darba l-linja ta' Għażża nqasmet. Imma l-

kobrija tat-Torok għemiethom, għal hekk ma riedux jitilqu Ġerusalem, waħda mill-bliet Imqaddsa tal-Islam, mingħajr taqbid. Falkenhayn kien telaq, għal hekk ir-raj issa kien raġa' waqa' f'idejn it-Torok biss.

għandhom jibqgħu ġewwa fid-djar, u jgħinu lit-Torok fit-taqbid li jsir minn dar għal dar. U min ma jagħmelx hekk, kien ikun imħallas ħażin għall-aħħar. It-tieni xandira kienet tgħid li t-Torok kienu żammew lil Ġerusalem



*Il-Ġeneral Allenby dieħel Ġerusalem bil-mixi, minn Bieb il-Ħalil, fis-sebgħa u nofs tal-għodwa tal-*11 *ta' Diċembru* 1917.

Fis-26 ta' Novembru, Għâli Fwâd Baxa, il-Kmandant tal-qawwiet Torok f'Ġerusalem xandar żewġ xandiriet f'daqqa lin-nies tal-belt. Fl-ewwel waħda wissa lin-nies li għandhom jistennew li ftit jiem oħra jkun hemm it-taqbid fit-toroq, u malli jibda,

1,300 sena (disa' mitt sena aktar mill-veru. M'hux wisq!), u għal hekk ma kienux sejrin jitilquha. Il-għammâra tal-belt kienu mamûra li jitilqu ruħhom f'idejn is-suldati, għax dawn kienu sa jġibu ruħhom tajjeb sa kemm idumu jħarsu l-belt, jiġifieri sal-aħħar

nett. Għal hekk il-poplu ta' Ġerusalem, imbażża' mit-theddîd tal-Kmandant u mix-xnija mxerrda mit-Torok li l-Ingliżi kienu għejjew, reġgħu tilfu kull tama. Il-fizzjali żgħażagħ Torok bdew juru x'kienu, għax bdew jaqbdu lin-nies għal xej b'xej, isawwtuhom u jixħtuhom il-ħabs (3) u jeħdulhom kull ma jkollhom.



*Dehra ta' Wadi s-Sarar, li ġewwa fih u fuq il-għoljiet ta' ma' dwaru l-Ingliżi taw diksa kbira lit-Torok, qabel ħadu Ġerusalem.*

Fis-6 u s-7 ta' Diċembru, it-taqbid fil-għoljiet tan-naħa tal-Għarb ta' Ġerusalem (4) u r-resqa ħafifa tat-Tajfiet Ingliżi min-naħa ta' Hebrôn, reġgħu bdew jimlew bit-tama l-qalb tal-għammâra ta' Ġerusalem, li ma jdumux wisq ma jkunu meħlusa. Fil-għodwa tat-8 ta' Diċembru għadd kbir ta' nies, mar- rjus il-kbar tad-Djiena li kien għad fadal, kienu mwissija mill-Pulizija li jżommu ruħhom imħejjijin, għax kellhom dal-waqt jitilqu minn hemm. Kemm kellhom f'moħħom it-Torok li jbattlu nies mill-belt, jidher għax minn 1,400 ruħ Armeni, 300 minnhom kellhom l-amar li jitilqu. It-tirann Ġemâl Baxa, meta bagħtu jgħidulu li ma kienx hemm karozzi anqas bhejjem biex jieħdu lil dawk in-nies lejn Nablus u Ġerku, ittelefonalhom u qalilhom li xej ma kien ġara, għax huma u nieshom kellhom saqajn biex jimxu. Għal hekk għadd kbir t'Armeni u ħafna Griegi, ta' kull għomor (xjuħ u tfal żgħar) kellhom tassew jimxu imgħassa mis-suldati Torok, li bdew isawtuhom u jgħaġġluhom u għal hekk il-biċċa l-kbira mietu fit-triq. Imma ż-żmien li nħela biex ittelefonawlu lil Ġemâl Baxa, ħeles il-ħajja ta' ħafna nies. Għax dik inhar kienet l-aħħar darba li x-xemx telgħet fuq Ġerusalem maħkuma mit-Torok; u s-saħħa li jeqerdu, intemmet dak inhar. Fil-għaxija kien imħabbar li l-Ingliżi kienu għaddew ir-raħal ta' Lifta (5) u jidhru sewwa minn Ġerusalem.

Għal din l-aħbar għall-għarrieda biża' kbir waqa' fuq it-Torok, u fil-5 ta' fil-għaxija in-nies lemħu kolonna sħiħa tat-trasport Torka issuq b'kemm kellhom saħħa mat-triq ta' Ġaffa lejn Ġerusalem. Hi u miexja qajjmet lil ġemgħat tas-suldati kollha, li rawha



*Il-għolja tan-Nebi Samwil, li fuqha sar taqbid kbir bejn l-Ingliżi u t-Torok, u ntrebħet u ntilfet min-naħa l-waħda u l-oħra xi ħames darbiet. Tidher il-moskija, mibnija mill-ġdid, ftit ilu.*

jew semgħuha, li, għajjiena u mxebbgħa, bdew jaħarbu ħafjin u mingħajr azzarini, bla ma waqfu jaħsbu x'inhuma jagħmlu. Uħud kienu maqbuda mill-fizzjali li bdew isawtuhom u ġiegħluhom jaqbdu l-armi mill-ġdid; oħrajn baqgħu jiġru ġewwa t-tajn, u saret taħbila liema bħalha. It-Torok wara 400 sena ta' moħqrija kienu qegħdin jeħelsu lil Ġerusalem mill-ħakma ħażina tagħhom, fost il-ferħ tal-Insâra u aktar tal-Lhud.

Kien hemm ħafna ġiri 'l hawn u 'l hemm. Bniet jgħajjtu lil missierhom jħobbuha n-nies kajmani kollha; u jista' jkun ukoll biex ma jistemgħux il-ħsejjes tal-ħarba tagħhom. Kien kif kien, il-ħoss tal-kanuni Torok ġiegħel lil wisq nies f'Ġerusalem li ma joħorġux minn darhom; għal hekk ftit kien hemm nies li raw l-aħħar xogħol tal-Ħakma Torka fil-belt Imqaddsa.

F'nofs il-lejl, Għiżżât Bej, il-Ħakem tat-Torok f'Ġerusalem, mar huwa n-nifsu fl-uffizzju tat-Telegraf, keċċa lill-impjegâti kollha u hu b'idejh kisser l-għodda kollha b'martell. Fis-2 ta' bil-lejl il-bqija tas-suldati Torok



*Iċ-Ċimiterju tal-Gwerra, fuq il-Għolja taż-Żejtun, ħada Ġerusalem, li ġewwa fih jinsabu midfuna ħafna Ngliżi u ftit Lhud, li xerrdu demmhom biex jifdu l-Belt Imqaddsa mill-jasar tat-Torok fl-1917.*

jew lil ħuthom li kienu moħbijin ġewwa xi kantina jew xi girna jew xi għar, bil-biża' mil-Pulizija Torok li kienu jfittxuhom għax-xogħol jew għal ħabs, jew għat-tkeċċija. "It-Torok sejrin!" bdew jgħidulhom. "Qegħdin jiġru 'l barra mill-belt. Sa neħelsu minnhom!" Imma sal-11 ta' bil-lejl it-Torok f'Ġerusalem kienu għadhom jisparaw il-kanuni tagħhom bla heda. Jista' jkun biex jġiegħlu jaħsbu lill-Ingliżi li ma kienux sa jitilqu, u jista' jkun ukoll biex jissabbru bil-ħsejjes kbâr tal-isparar, ħaġa li bdew daħlin mill-Bieb ta' Ġaffa (Bieb il-Ħalîl) min-naħa tal-Għarb u l-Qibla-Għarbi ta' Ġerusalem, u n-nies, imdejqin, li kienu jħârsu mit-twieqi tal-Grand New Hotel (li kienet magħmula sptar) biex jaraw x'kien dak il-ħoss ta' mixi, malli rahom wieħed mill-fizzjali Torok għajtilhom: *Git-meja megburuz*! jiġifieri: "Ikollna nitilqu!" U mis-2 ta' bil-lejl sas-7 ta' fil-għodu, 9 ta' Diċembru, it-Torok baqgħu għaddejjin mill-belt, u ħerġin minnha, li dwiet għall-aħħar darba bil-ħsejjes taż-żraben tagħhom.

Bħal dik inhar sew, 2082 sena qabel, jiġifieri fis-sena 165 qabel Kristu, nies oħra kiefra ħadu l-akbar daqqa qabel ma telqu minn Ġerusalem. Għax dik inhar is-Selewċin, nies Pagâni, kienu mkeċċija mit-Tempju tal-Lhud bis-saħħa ta' Jehuda l-Makkabi (6). U t-telqa tat-Tork, aktar milli lil Insara u l-Misilmin, fis-sena 1917, qablet lill-Lhud, għal hekk kien xieraq li l-ħarba tat-Torok tiġi, bħal ma ġiet, taqbel mal-Għid Lhudi tal-Ħanûqa.

Fil-5 ta' fil-għodu Għiżżât Bej, il-ħakem, telaq minn Ġerusalem fil-karozza ta' Mr. Vester, wieħed Amerikan li kien jgħammar f'dik il-belt. Il-karozza biż-żwiemel kien issellifhom minn għandu, m'hux ħadhom bil-jedd. Qabel ma sebaħ sâq bil-għaġla lejn it-triq ta' Ġerku (Xerq ta' Ġerusalem) u ħalla l-ittra tal-għotja tal-belt f'idejn is-Sindku. Dan malli telgħet ix-xemx telaq biha biex jagħtiha lil Kmandant Ingliż. Is-Sindku kien imsieħeb minn ftit Pulizija, tnejn minnhom kellhom f'idejhom bandiera bajda. Mexa ma' Triq Ġaffa, lejn Lifta, u ltaqa' mal-ewwel suldati Ingliżi. Hemm ġie kmandant Ingliż u ħa l-ittra tal-għotja tal-belt minn idejn is-sindku, jew Xih il-Beled (7).

L-aħħar suldat Tork jingħad li ħareġ minn Ġerusalem fis-7 ta' fil-għodu minn Bieb San Stiefnu, jew kif jgħidulu n-nies ta' Ġerusalem, Bâb Sittna Mirjam. Imma saħansitra wara li xi *Patrols* Ingliżi kienu daħlu Ġerusalem biex iżommu l-ordni, xi suldati Torok maħruba kienu għadhom jiġġerrew barra mis-swar tal-belt ix-Xmelija, jitolbu ikel u ilma bit-theddid tal-bajunetta minn għand min jiltaqgħu miegħu. Ma kenitx ħtija kbira għal suldati maħruba, li ma kienux jafu minn fejn sa tiġi l-ewwel ikla meta jaqbadhom il-ġuħ.

Meta l-aħħar suldati Torok għabu fid-dellijiet tal-Wied ta' Ġosafât, sejrin lejn Ġerku u l-Ġordan, in-nies ta' Ġerusalem qamu mit-telqa li l-ġuħ u l-Pulizija Torka kienet tefgħathom fiha. Xteħtu fuq għadd ta' djar li qabel kienu tal-fizzjali jew tas-suldati, u ħadu kull ma kien hemm fihom, saħansitra l-bibien u ż-żingu tal-osqfa tal-barrakki, li kienu ħada Bieb il-Ħalîl, jew it-Torri ta' David. Jaqbel wieħed jgħid li n-nies kellhom għal fejn jagħmlu hekk, għax kull ma kellha l-Ħakma Torka, kien magħmul bis-saħħa tal-poplu, li ma kienx imħallas tiegħu; għal hekk in-nies ma kienux jagħmlu ħaġa oħra għajr jieħdu ftit mill-ħafna li kien jistħoqqilhom. Imma dad-diżordni għab f'daqqa, bħal ma f'daqqa kien beda, malli daħlu l-ewwel suldati Ingliżi fil-belt. Is-serq kien magħmul minn ġemgħat żgħar ta' nies, bil-ħatfa u bil-mistur.



*Il-Ġeneral Sir Edmund Allenby, G.C.M.G., K.C.B., li ħeles lil Ġerusalem mill-madmad tat-Torok, fl-*1917 *(Twieled fit-*23 *t'April* 1861 *u miet fl-* 14 *ta' Mejju* 1936.

F'ebda ħin ma kien hemm ġemgħa kbira ta' nies fit-toroq.

Imma meta wasal il-ħin tad-daħla tal-Ġeneral Allenby f'Ġerusalem, bħal ma kienet tgħid it-tbaxxira tal-Għarab (kienu jgħidu dawna li t-Torok jitilqu minn Ġerusalem meta ilma tan-Nil jiġri fil-Palestina; ħaġa li ġrat tassew, għax l-Ingliżi ġiebu l-ilma tan-Nil fil-Palestina fil-kanen, mill-Eġittu), in-nies inġabru fit-toroq minn fejn kellu jgħaddi, bla ma ħadd kellimhom, ħaġa li stagħġbu biha m'hux ftit; għax żmien tliet snin f'Ġerusalem, in-nies ma kienux jistgħu jieqfu jitkellmu aktar minn tnejn f'daqqa, għax kienu jiġu l-Pulizija Torok u jaqbdu jsawwtuhom. Kien hemm ġemgħa kbira ta' nies u kienu jidhru qassisin jibku bil-ferħ u jgħanqu lil xulxin. Il-Ġeneral daħal Ġerusalem bil-mixi (fil-11 ta'Diċembru 1917) u raġa' ħareġ bil-mixi. Ebda dehra ta' frugħa ma niġġset dak il-jum ta' ferħ. L-istqarrija li fil-belt kellu jinżamm l-ordni; li kull Imkien Imqaddes li kellhom f'idejhom it-tliet Djinijiet kbar (Lhud, Insara u Misilmin), kellhom ikunu mħârsa; u li ebda tfixkil ma jitqiegħed quddiem dawk li jridu jagħtu qima fihom, kienet moqrija bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Għarbi (8) bil-Lhudi, bil-Grieg, bir-Russu u bit-Taljan, minn fuq is-satħa quddiem it-Torri ta' David, jew il-Qalgħa, ftit 'il ġewwa minn Bieb il-Ħalil. Wara dan il-Ġeneral mar fil-misraħ żgħir li hemm wara l-Qalgħa, fejn il-kbarat tal-Ġnus u tad-Djiena li kienu baqgħu hemm, kienu mressqin quddiemu. Wara dan raġa' ħareġ minn fejn ġie, jiġifieri minn Bab il-Ħalil (jew kif jgħidulu l-Ewropin, il-Bieb ta' Ġaffa). Imma għal kemm in-nies inġemgħet bi ħġara għad-daħla tal-Ġeneral, id-dell tal-biża' tat-Torok kien għadu fuqhom, għal hekk ftit kienu li wrew, bil-għajjât, il-ferħ li kellhom f'qalbhom, għad li kien jidher jiddi f'għajnejhom. Għax jekk il-bniedem iħoss bħal biża' meta jaqra fuq xi ħadd kiefer ta' żmien twil ilu, kemm iħoss aktar il-biża' tal-għadu li kien fuqu tliet ijiem qabel, u li l-kanuni tiegħu kienu għadhom jistemgħu jdamdmu qrib, fuq Ġebel iż-Żejtun, ftit bgħod mill-Belt Imqaddsa?

Biex it-Torok ħarġu minn Ġerusalem il-Ġeneral Allenby kien dawwar il-belt b'għaġla kbira minn żewġ naħât: mill-Għarb u mill-Qibla, jiġifieri min-naħa ta' Hebrôn u Betlehem, u min-naħa ta' Għajn Kârem u Lifta. Dan għamlu biex ma jkollux għal fejn jiftaħ il-kanuni tiegħu fuq il-Belt Imqaddsa, anqas jagħti żmien lit-Torok jagħmlu ħsâra fl-Imkejjen Imqaddsa. Imma wara li t-Torok kienu ħarġu bla taqbid, jiġifieri wara tliet ġimgħât, riedu jerġgħu jieħdu l-belt li kienu ħarġu minnha. Hemm l-Ingliżi qabżu fuqhom bħal iljuni u tertquhom, fuq is-sinsla tal-għoljiet ta' Ġebel iż-Żejtun (li l-Ewropin jgħidulha Monti Olivetu u Monti Skopus), fix-Xerq u x-Xmiel ta' Ġerusalem. U hekk intemmet għal kollox il-Ħakma Torka minn Ġerusalem, li hija l-qalba tas-Saltna ta' Ġuda, il-Benniena tad-Din Nisrani, u t-tielet Maqdes tad-Din tal-Misilmin.

---

(1). Fost dawn in-nies kien hemm żewġ Franġiskani Maltin: wieħed Fra Elija Grech, mill-Mellieħa, u l-ieħor Patri Bernardinu Zammit min Naxxar. Fuq Fra Elija ktibna fil-Għadd 4 tal-Ewwel sena ta' dal-Qari. 1955, faċċata 85.

(2). Ftit żmien wara fuq dil-għolja tan-Nebi Samwil sar taqbid kbir bejn l-Ingliżi u l-Ġermaniżi. Min qiegħed jikteb dawn it-tagħrifiet żar dan l-imkien fis-sena 1923. Fuq il-qabar ta' Samwel hemm mibnija knisja tal-Misilmin, li kienet nofsha mġarrfa mill-bombardament tal-gwerra, u li baqa' wieqaf minnha kien

imdewwed bid-daqqiet tal-balal. Ma' dwarha kien għad hemm għadd ta' balal tal-kanuni, uħud minnhom mibnijin fuq xulxin.

(3). Fost dawn kien hemm wieħed Malti, pajżan, li t-Torok qatgħulu rasu. Dan kellu ħuh Ajk Franġiskan, Fra Ġiovanni Xerri spiżjar, minn Bormla. Patri Bernardinu Zammit li semmejna fuq kien ukoll maqtugħ għal mewt, u ħarġuh biex joqtluh kemm il-darba u jerġgħu jħalluh. Patri Bernardinu kien raġel li malajr jitlagħlu, u darba beda jgħajjat mal-fizzjali Torok u qalilhom: "Jekk għandkom toqtluni għax ma toqtlunix? Kemm sa ddumu ħerġin u deħlin bija?" Dan qaluli Patri Bernardin in-nifsu, li kellimtu kemm il-darba fl-Infirmerija ta' San Salvatur, Ġerusalem.

(4). Fuq il-għoljiet tar-raħal ta' Għajn Karem (li semmejnieh kemm il-darba f'dal-"Qari") fil-Għarb ta' Ġerusalem sar taqbid kbir ukoll. Fis-sena 1920 kien għad hemm fuq dawn l-iġbla ħafna maskri tal-gass, biċċiet tal-balal tal-kanuni, xi bajunetta miksura, u għadd kbir ta' skartoċċi tal-azzarini, godds-godds, kien hemm ukoll xi oqbra tal-Ingliżi, imma li dak iż-żmien l-għadam tagħhom kienu ħaduh fiċ-Ċimiterju ta' Ġerusalem. Fuq għolja minnhom kienu għadhom qawwin sħaħ tliet saffi ta' trinċieri tat-Torok, jinfdu b'mogħdijiet dojoq ma' xulxin.

(5). Lifta tinsab fil-Għarb ta' Ġerusalem, fil-lemin tat-triq int u sejjer Għajn Karem, fuq xaqliba ta' wied.

(6). Minn dal-kliem u minn għidut ieħor jidher li min kiteb dan l-artiklu fil-"Palestine News" kien xi Lhudi. Jidher ukoll li ma kienx Ingliż għax il-lingwa Ngliża tiegħu ftit li xejn hi mirquma.

(7). Fejn iltaqa' Xiħ il-Beled u l-Ingliżi, fix-xellug tat-triq int u sejjer minn Għajn Karem lejn Ġerusalem, ftit wara l-ewwel djar, kien hemm wieqaf monument żgħir sa mis-sena 1920. Il-monument kien ġej fit-tul donnu mħejji biex jkollu fuqu xi raġel fuq iż-żiemel. Kien fih kitba bl-Ingliż li tfakkar il-ġrajja.

(8). L-istqarrija bil-Għarbi qraha wieħed Franġiskan, Patri Anton Ħalil-Ħanna, li hu kien Għarbi wkoll. Dal-Patri miet ilu xi erba' snin.

# IS-SALTNA TAS-SMEWWIET

Wisq drabi naqraw fil-Vanġelu fuq is-Saltna tas-Smewwiet, bla ma nifhmu sewwa t-tifsir ta' din is-Saltna. Hi ħaġa ta' siwi u ħtieġa li nagħrfu sewwa xi jrid jifhem biha l-Vanġelu din is-Saltna, li l-Imgħallem tas-sema ġebilna miegħu minn ħdan Missieru.

Meta Ġesù ħareġ ixandar tagħlimu fit-toroq u l-imsierah tal-Palestina, kemm hu kif ukoll l-ewwel ixirka tiegħu baxxru li s-Saltna tas-Smewwiet waslet (Matt. IV, 17 — Mark I, 15). X'fehmu biha din is-Saltna, Ġesù u l-ixirka tiegħu min-naħa l-waħda; u min-naħa l-oħra, kif fehmuha l-Lhud li semgħuh?

Is-semmiegħa Lhud fehmu li s-Saltna tas-Smewwiet kienet il-Messsijaniżmu li kellu jidher fid-dinja, jiġifieri s-Saltna tal-Messija mistenni mill-profeti. Iżda l-Lhud infushom ma kienux jaqblu bejniethom fuq kif kellha tkun din is-Saltna. Wisq nies fosthom ħasbu li din kellha tkun xi saltna ta' din l-art, saltna ta' ġieħ u sebħ, bħal ma kienet dik ta' Salamun. Stennew ukoll li s-sultan tagħha kien sejjer ikun bniedem ta' qawwa u setgħa liema bħalhom, li jkun qawwi biż-żejjed biex ikeċċi 'l barra mill-Palestina lill-għedewwa tal-ġens Lhudi, jiġifieri lir-Rumani. Aktarx li bħal dawn kienu jaħsbuha wkoll uħud mill-ixirka ta' Ġwanni l-Għammiedi.

Iżda kien hemm ukoll Lhud oħrajn li f'din is-Saltna tas-Smewwiet lemħu qawwa m'hux ta' din id-dinja; ġid m'hux li jgħaddi, imma l-ġid tar-ruħ, li jibqa' għal dejjem. Bħal dawn fehmuha Żakkarija, Xmuni, Anna